**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Allison Azzopardi**

**Kaz Nru: 2015/2024**

**Illum, 21 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Allison Azzopardi** ta' 41 sena bint Grazio Gauci u Rosaria Gauci xebba Muscat, imwieled Pieta fit-28/07/1982, resident 14, T'Indrin, Triq il-Qastan, Rabat, Malta ID: 410782M

**Akkuzata** talli nhar l-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-granet ta' qabel u/jew wara u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara gewwa residenza Sardonyx, Triq il-Qastan, Rabat, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1.) Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt, bl-awtorita tieghek innifsek, lil Ronnie Gauci ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Ronnie Gauci fil-pussess ta' hwejgu, jew thott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew tiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahltu fi hwejjeg haddiehor;

Il-Qorti giet mitlub biex ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sari r-reat jew skont ic-cirkostanzi li jikkonforma ruhu mal-ligi, fiz-zmien bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz aktar minn tlett xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti u dan skont Art. 377(3) u 377(50 tal-Kapitolu. 9.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art 533 tal-Kapitolu 9(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra mill-piena applikabbli tapplika Sec 382A u 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Ronnie Gauci.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

[1]A folio1 tal-process.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni mill-*parte civile*, ossija Ronnie Gauci, li jigi hu l-imputata, li fid-data indikata fic-citazzjoni hija ghalqitlu l-katusa li taghti ghall-"cooker hood". Jidher li dawn ix-xogholijiet saru fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-granet/xhur ta' qabel jew ta' wara fir-Rabat.

L-imputata meta giet mitkellma mill-pulizija cahdet dan kollu.[2]

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

Xehed **PS 898 Jurgen Camilleri** fejn iddikjara li l-kwerelant irraporta gewwa l-ghassa tar-Rabat fejn stqarr li nhar l-20 ta' Settembru 2023 ohtu, l-imputata odjerna ghalqitlu l-katusa tal-"cooker hood" wara li semaghha tghid 'jekk hu ghala zobbu jiena ghala zobbi aktar minnu'.

Jghid li l-imputata mitkellma mill-pulizija cahdet dan kollu, ossija, li qalghet il-katusa.[3]

[2]Dokument DV2 a folio 7-8 tal-process.
[3] Folio 3 tal-process.

Xehdet **Allison Azzopardi** nhar il-11 ta' Ottubru 2024 fejn hija qalet li dak li irrapurta huha ma jistax ikun li sar ghax hija kienet ghada gejja minn cruise u dak il-hin kienet ghada qed tizbarka mill-vapur[4]. In sostenn ta' dan hija pprezentat id-dokument a folio 15 tal-process.[5]

Xehed l-imputat **Ronnie Gauci** li qal li nhar l-20 ta' Settembru 2023 waqt li kien fil-kamra tal-banju huwa sema' l-istorbju. Sema' lil ohtu tghid 'jekk hu ghala zobbu, jiena ghala zobbi aktar minnu'. Jghid li hija kienet ghada gejja mis-safar u hu kien qed ibiddel il-madum. Jghid li hi Kellha d-drain iqattar fuq it-tieqa tieghu u hu ghamel extension biex sakemm jaghmel il-grouting ma jixxarrablux il-madum. Jghid li hi qabdet, qalghet il-katusa tal-hood, gibditha, kissritha u tellghetha fuq. Haditha. Jghid li l-katusa kien ilha hemm xi 20 sena mill-1999. Jghid li hu raha tqaccat il-pipe.

Kontro-ezaminat jghid li hu raha mit-tieqa, minn gox-xaft. Jghid li jekk il-pulizija ma nizilx dan mhux tort tieghu imma tal-pulizija. Jghid li hu mar jaghmel ir-rapport mill-ewwel.

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-materja ta' *ragion fattasi*, ossija l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali, jghid is-segwenti:

---

[4] A folio 23 tal-process.

[5] A folio 21 tal-process: "Check out is normally on Wednesday at 9 am."

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

**85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih,**

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'*L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'*

1. *Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;*[6]
2. *Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;*
3. *Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;*
4. *Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.*'

[6] Enfasi ta' din il-Qorti

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

'*Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f'sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja*.'

**Ikkunsidrat:**

Din il-vertenza tirrigwarda incident li allegatament sehh fl-20 ta' Settembru 2023 fejn l-imputata allegatament qalghet il-katusa li taghti ghall-cooker hood tal-imputat.

Jidher li l-imputata ikkontestat biss li hija ma qalghet xejn meta mitkellema mill-pulizija nhar it-30 ta' Settembru 2023. Jirrizulta ukoll li l-kwerelant mar jaghmel ir-rapport lill-pulizija nhar is-26 ta' Settembru 2023 jigfieri sitt (6) ijiem wara l-akkadut.

**Ikkunsidrat:**

Jidher li l-unika difiza li ghamlet l-imputata hija li fl-20 ta' Settembru 2023 ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu (9 am) hija ma kinitx id-dar ghax kienet ghada kif waslet minn mawra fuq il-bahar u kienet qeghda fil-process li tinzel minn fuq il-vapur li kienet ghada kif waslet fuqu.

Minn naha l-ohra fir-rapport tal-pulizija li kif inghad sar jiem wara l-allegat akkadut l-imputat ma ghamel l-ebda accenn ghall-hin meta l-katusa inqalghet mill-imputata.[7] Hu vera li fil-parti tar-rapport "*incident date from*" u "*incident date to*" hemm imnizzzel il-hin "*9.15 am*"[8] pero' l-akkuza hija ferm aktar wiesgha u tikkomprendi mhux biss il-jum kollu tal-20 ta' Settembru 2023, imma sahansitra il-granet u x-xhur ta' qabel u ta' wara din id-data.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hija ben konsapevoli mill-piki u kwistjonijiet li hemm bejn il-partijiet. Dan johrog car mix-xhieda u l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda u allura meta thares b'mod oggettiv tqis li huwa minnu li l-imputata ghamlet dak li allegatament mar jirraporta huha Ronnie Gauci.

Il-Qorti ukoll tinnota li meta l-imputata marret l-ghassa hija ma semmiet xejn fuq li kienet ghada kemm tasal minn fuq il-vapur, ma ghazlitx li ma tirrispondix ghad-domandi tal-pulizija, imma sempliciment cahdet li qalghet il-katusa. Il-Qorti temmen illi li kieku kien minnu li dan l-att sehh fil-hin li l-imputata kienet taghmel l-inzul taghha mill-vapur, hija kienet issemmi dan ukoll mal-Pulizija, meta giet mitkellma minnhom, pero dan m'ghamlitux. Il-Qorti ghalhekk tqis li dan in-nuqqas ukoll jimmilita kontra t-tezi taghha li l-katuza ma nqalghetx minnha fid-data li qed jallega huha, ossija f'xi hin fl-20 ta' Settembru 2023. Il-Qorti temmen li l-verzjoni li l-imputata tat, zmien wara li giet mitkellma mill-Pulizija u cioe meta hija xehdet quddiem din il-Qorti, m'ghandhiex mis-sewwa.

---

[7] Ara "ACTION TAKEN" a folio 7 tal-process.
[8] Folio 6 tal-process

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-akkuza tinsab pruvata u ghandha ssib htija fl-imputata.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **ALLISON AZZOPARDI HATJA** tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u qed tikkundannaha multa ta' hames mitt Ewro (€500).[9]

Il-Qorti tordna ukoll lill-hatja sabiex, ai termini tal-Artikolu 377(3) u tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirripristina il-katusa li taghti ghall-cooker hood tal-imputat u dan fi zmien xahar mil-lum u dan taht is-supervizjoni tal-Perit Alexei Pace. Fin-nuqqas tordna li l-kwerelant jaghmel ix-xoghol ghas-spejjez tal-imputata u dan ukoll taht is-supervizjoni tal-imsemmi Perit Alexei Pace li min issa huwa inkarigat u awtorizzat li jidhol fil-propjetajiet tal-kwerelant u tal-imputata biex jara li x-xogholijiet isiru skond is-sengha u l-arti. Dan l-access jew accessi jsir/u fil-prezenza tal-pulizija. L-ispejjez tal-Perit Pace huma kollha a karigu tal-imputata.

Il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-hatja sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta thallas l-ispejjez tal-espert mahtur il-Perit Alexei Pace. Kopja ta' din s-sentenza ghandha tigi notifikata lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jigbor dak li hu dovut minn ghand l-imputata in konnessjoni mal-ispejjez tal-espert mahtur l-Perit Alexei Pace.

[9] Art. 11.(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car u semplici l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 21 ta'Frar, 2025 fil-bini tal-Qorti f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur